MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 1165/2010

**Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud**

**vs**

**John Mary Bugeja**
**Josephine Bugeja**
**L.L.M.A. Limited**
**Antonio Attard**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur tal-10 ta’ Novembru 2010 li jghid hekk:

Illi r-rikorrent gie kanonizzat kreditur tal-intimat John Mary Bugeja fis-somma ta' €81,870.49 (wiehed u tmenin elf tmien mija u sebghin ewro u disa’ u erbghin centezmu) ekwivalenti ghal Lm35,147 (hamsa u tletin elf mija u seba’ u erbghin ewro) rapprezentanti Taxxa Fuq il-Valur Mizjud

u dana bil-procedura stipulata fl-artikolu 59 subinciz 1 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi l-kreditu tar-rikorrent kontra John Mary Bugeja fis-somma ta' €81,870.49 (wiehed u tmenin elf tmien mija u sebghin ewro u disa’ u erbghin centezmu) ekwivalenti ghal Lm35,147 (hamsa u tletin elf mija u seba’ u erbghin ewro) gie rez ezegwibbli permezz ta' ittra ufficjali datata 18 ta' Gunju 2007 (kopja hawn annessa u markata Dok. KV1) u dana skond il-procedura stipulata fl-artikolu 59 subinciz 2 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi l-kreditu hekk kanonizzat kien dovut bhala Taxxa Fuq il-Valur Mizjud rizultanti min- negozju gestit minn John Mary Bugeja u bejn il-konvenut John Mary Bugeja u l-konvenuta Josephine Bugeja jopera bejniethom ir-regim tal-komunjoni tal-akkwisti ai termini tal-artikolu 1316 tal-Kodici Civili u dana stante li ma jirrizultax li bejn il-konjugi Bugeja hemm kitba ta' zwieg;

Illi l-gbir, il-hlas u r-radd tat-taxxa fuq il-valur mizjud lill-Kummisarju tat- Taxxa Fuq il-Valur Mizjud huwa att normali ta' gestjoni ta' kummerc;

Illi r-rikorrent ghadda sabiex jezegwixxi l-kreditu hawn imsemmi u fis-17 ta' Ottubru 2007 iskriva privilegg fuq il-proprjeta, prezenti u futura, tal-intimat John Mary Bugeja permezz ta' Nota ta' Iskrizzjoni li ghandha n-numru progressiv 18959/2007;

Illi f’dak iz-zmien, cioe fis-17 ta' Ottubru 2007, il-konvenut John Mary Bugeja kien jipposjedi l-fond ufficjalment numerat 16 (sittax), illum 66 (sitta u sittin), bl-isem ta' Casa Azzurra, fi Triq il-Qolla, Zebbug, Malta flimkien mal-bejt u l-arja sovrastanti;

Illi ukoll f’dak iz-zmien, cioe fis-17 ta' Ottubru 2007, il-konvenut John Mary Bugeja kien jipposjedi nofs indiviz tal-appartament internament numerat 2 formanti parti minn blokk ta' appartamenti numerat ufficjalment 131 gewwa Upper Conversion Street, Bugibba, San Pawl il-

Bahar flimkien ma' garaxx sottostanti l-blokk imsemmi u formanti parti mill-istess;

Illi l-konvenut John Mary Bugeja, bl-iskop li jiffrodi lir-rikorrent mill-kreditu lilhu dovut b'komplicita ma' terz kontraent u cioe ma' L.L.M.A. Limited, dahal b'qerq u bi hsara ghad-drittijiet tar-rikorrent f'att pubbliku datat 17 ta' Novembru 2007 fl-atti tan-Nutar Joseph Abela, li permezz tieghu l-konvenuti John Mary Bugeja u Josephine Bugeja ittrasferixxew lill-kumpannija konvenuta L.L.M.A. Limited il-bejt u l-arja tal-fond ufficjalment numerat 16 (sittax), illum 66 (sitta u sittin), bl-isem ta' Casa Azzurra, fi Triq il-Qolla, Zebbug, Malta flimkien ma' nofs indiviz tat-tromba bit-tarag tal-imsemmija dar mill-livell tat-triq sal-gholi kollu li taghti l-Ligi u kif ukoll nofs indiviz tal-parapett li mit-triq iwassal sal-bieb ta' barra u dana kif ahjar deskritt u versu l-konsiderazzjoni imsemmija fl-istess att pubbliku;

Illi l-konvenut John Mary Bugeja, bl-iskop li jiffrodi lir-rikorrent mill-kreditu lilhu dovut b'komplicita ma' terz kontraent u cioe ma' Antonio Attard, dahal b'qerq u bi hsara ghad-drittijiet tar-rikorrent f'att pubbliku datat 11 ta' Lulju 2008 fl-atti tan-Nutar Roland Wadge, li permezz tieghu l-konvenuti John Mary Bugeja u Josephine Bugeja ittrasferixxew l-appartament internament numerat 2 formanti parti minn blokk ta' appartamenti numerat ufficjalment 131 gewwa Upper Conversion Street, Bugibba, San Pawl il-Bahar flimkien ma' garaxx sottostanti il-blokk imsemmi u formanti parti mill-istess u dana kif ahjar deskritt u versu l-konsiderazzjoni imsemmija fl-istess att pubbliku;

Illi dawn it-trasferimenti huma annullabbli ghaliex gew maghmula in frodi u in pregudizzju tad-drittijiet tal-attur u saru b'komplicita diretta mal-konvenuti L.L.M.A. Limited u Antonio Attard sabiex jirrendu lill-konvenut John Mary Bugeja insolventi jew aktar insolventi minn qabel;

Illi ghalhekk jippersistu l-elementi kollha ghall-ezercizzju tal-azzjoni pawljana u cioe l-eventus danni u l-consilium fraudis, u dana kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza;

Illi ma jirrizultax li l-konvenut John Mary Bugeja ghandhu assi ohra sufficjenti li jistghu jaghmlu tajjeb ghad-dejn dovut minnhu lill-attur;

Illi ghal kompletezza jinghad illi fit-12 ta' Mejju 2009 ir-rikorrent intavola ukoll Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv li jgib in-numru 784/09 li izda ma kellhu ebda effett u dana stante li s-sekwestratarji hemm indikati ma jirrizultax li kellhom flus jew oggetti appartenenti lill-istess John Mary Bugeja;

Illi l-ammont hekk kanonizzat ghadhu ma thallas mill-intimat John Mary Bugeja;

Illi ghaldaqstant kellha issir dina l-kawza;

Ghaldaqstant ighidu l-konvenuti ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghandiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi t-trasferiment permezz tal-att pubbliku datat 17 ta' Novembru 2007 fl-atti tan-Nutar Joseph Abela li permezz tieghu l-konvenuti John Mary Bugeja u Josephine Bugeja ittrasferew lill-kumpannija konvenuta L.L.M.A. Limited il-bejt u l-arja tal-fond ufficjalment numerat 16 (sittax), illum 66 (sitta u sittin), bl-isem ta' Casa Azzurra, fi Triq il-Qolla, Zebbug, Malta flimkien ma' nofs indiviz tat-tromba bit-tarag tal-imsemmija dar mill-livell tat-triq sal-gholi kollu li taghti l-Ligi u kif ukoll nofs indiviz tal-parapett li mit-triq iwassal sal-bieb ta' barra, u dana kif ahjar deskritt u versu l-konsiderazzjoni imsemmija fl-istess att pubbliku, sar in frodi u in pregudizzju tad-drittijiet tal-attur u b'komplicita diretta tal-kumpannija konvenuta L.L.M.A. Limited;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi t-trasferiment permezz tal-att pubbliku datat 11 ta' Lulju 2008 fl-atti tan-Nutar Roland Wadge li permezz tieghu l-konvenuti John Mary Bugeja u Josephine Bugeja ittrasferew lil l-appartament internament numerat 2 formanti parti minn blokk ta' appartamenti numerat ufficjalment 131 gewwa Upper Conversion Street, Bugibba, San Pawl il-Bahar flimkien ma' garaxx sottostanti l-blokk imsemmi u formanti parti mill-istess, u

dana kif ahjar deskritt u versu l-konsiderazzjoni imsemmija fl-istess att pubbliku, sar in frodi u in pregudizzju tad-drittijiet tal-attur u b'komplicita diretta tal-konvenut Antonio Attard;

3. Tiddikjara u tiddeciedi illi t-trasferiment permezz tal-att pubbliku datat 17 ta' Novembru 2007 fl-atti tan-Nutar Joseph Abela sar sabiex jirrendu lill-konvenut John Mary Bugeja insolventi jew aktar insolventi minn qabel;

4. Tiddikjara u tiddeciedi illi t-trasferiment permezz tal-att pubbliku datat 11 ta' Lulju 2008 fl-atti tan-Nutar Roland Wadge sar sabiex jirrendu lill-konvenut John Mary Bugeja insolventi jew aktar insolventi minn qabel;

5. Tordna konsegwentement li jigi rexiss, annullat u rizolt it-trasferiment permezz tal-att pubbliku datat 17 ta' Novembru 2007 fl-atti tan-Nutar Joseph Abela li permezz tieghu l-konvenuti John Mary Bugeja u Josephine Bugeja ittrasferew lill-kumpannija konvenuta L.L.M.A. Limited il-bejt u l-arja tal-fond ufficjalment numerat 16 (sittax), illum 66 (sitta u sittin), bl-isem ta' Casa Azzurra, fi Triq il-Qolla, Zebbug, Malta flimkien ma' nofs indiviz tat-tromba bit-tarag tal-imsemmija dar mill-livell tat-triq sal-gholi kollu li taghti l-Ligi u kif ukoll nofs indiviz tal-parapett li mit-triq iwassal sal-bieb ta' barra, u dana kif ahjar deskritt u versu l-konsiderazzjoni imsemmija fl-istess att pubbliku;

6. Tordna konsegwentement li jigi rexiss, annullat u rizolt it-trasferiment permezz tal-att pubbliku datat 11 ta' Lulju 2008 fl-atti tan-Nutar Roland Wadge li permezz tieghu l-konvenuti John Mary Bugeja u Josephine Bugeja ittrasferew lil l-appartament internament numerat 2 formanti parti minn blokk ta' appartamenti numerat ufficjalment 131 gewwa Upper Conversion Street, Bugibba, San Pawl il-Bahar flimkien ma' garaxx sottostanti l-blokk imsemmi u formanti parti mill-istess, u dana kif ahjar deskritt u versu l-konsiderazzjoni imsemmija fl-istess att pubbliku;

7. Tikkundanna konsegwentement lill-konvenuti, salv ghal Antonio Attard, sabiex fi zmien qasir u perentorju

jirritrocedu fl-assi tal-konvenuti John Mary Bugeja u Josephine Bugeja l-bejt u l-arja tal-fond ufficjalment numerat 16 (sittax), illum 66 (sitta u sittin), bl-isem ta' Casa Azzurra, fi Triq il-Qolla, Zebbug, Malta flimkien ma' nofs indiviz tat-tromba bit-tarag tal-imsemmija dar mill-livell tat-triq sal- gholi kollu li taghti l-Ligi u kif ukoll nofs indiviz tal-parapett li mit-triq iwassal sal-bieb ta' barra, u dana kif ahjar deskritt fl-att pubbliku relattiv;

8. Fin-nuqqas tordna li r-retrocessjoni fl-assi tal-konvenuti John Mary Bugeja u Josephine Bugeja tal-bejt u l-arja tal-fond ufficjalment numerat 16 (sittax), illum 66 (sitta u sittin), bl-isem ta' Casa Azzurra, fi Triq il-Qolla, Zebbug, Malta flimkien ma' nofs indiviz tat-tromba bit-tarag tal-imsemmija dar mill-livell tat-triq sal-gholi kollu li taghti l-Ligi u kif ukoll nofs indiviz tal-parapett li mit-triq iwassal sal-bieb ta' barra, u dana kif ahjar deskritt fl-att pubbliku relattiv, ghandha issir 'ope sententiae' u dana taht dawk il-provvedimenti li jidrilha xieraq taghti dina l-Onorabbli Qorti;

9. Tahtar kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq kull att necessarju u kif ukoll tiffissa data, hin u lok li fih ghandu jigi ppubblikat l-att relattiv sabiex issir ir-retrocessjoni, fl-assi. tal-konvenuti John Mary Bugeja u Josephine Bugeja tal-bejt u l-arja tal-fond ufficjalment numerat 16 (sittax), illum 66 (sitta u sittin), bl-isem ta' Casa Azzurra, fi Triq il-Qolla, Zebbug, Malta flimkien ma' nofs indiviz tat-tromba bit-tarag tal-imsemmija dar mill-livell tat-triq sal-gholi kollu li taghti l-Ligi u kif ukoll nofs indiviz tal-parapett li mit-triq iwassal sal-bieb ta' barra, u dana kif ahjar deskritt fl-att pubbliku relattiv;

10. Tikkundanna konsegwentement lill-konvenuti, salv ghal L.L.M.A. Limited, sabiex fi zmien qasir u perentorju jirritrocedu fl-assi tal-konvenuti John Mary Bugeja u Josephine Bugeja l-appartament internament numerat 2 formanti parti minn blokk ta' appartamenti numerat ufficjalment 131 gewwa Upper Conversion Street, Bugibba, San Pawl il-Bahar flimkien ma' garaxx sottostanti l-blokk imsemmi u formanti parti mill-istess, u dana kif ahjar deskritt fl-att pubbliku relattiv;

11. Fin-nuqqas tordna li r-retrocessjoni fl-assi tal-konvenuti John Mary Bugeja u Josephine Bugeja tal-appartament internament numerat 2 formanti parti minn blokk ta' appartamenti numerat ufficjalment 131 gewwa Upper Conversion Street, Bugibba, San Pawl il-Bahar flimkien ma' garaxx sottostanti il-blokk imsemmi u formanti parti mill-istess, u dana kif ahjar deskritt fl-att pubbliku relattiv, ghandha issir 'ope sententiae' u dana taht dawk il-provvedimenti li jidrilha xieraq taghti dina l-Onorabbli Qorti;

12. Tahtar kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq kull att necessarju u kif ukoll tiffissa data, hin u lok li fih ghandu jigi ppubblikat l-att relattiv sabiex issir ir-retrocessjoni fl-assi tal-konvenuti John Mary Bugeja u Josephine Bugeja tal-appartament internament numerat 2 formanti parti minn blokk ta' appartamenti numerat ufficjalment 131 gewwa Upper Conversion Street, Bugibba, San Pawl il-Bahar flimkien ma' garaxx sottostanti l-blokk imsemmi u formanti parti mill-istess, u dana kif ahjar deskritt fl-att Pubbliku relattiv;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa ingunti in subizzjoni u b'riserva ghal kull azzjoni ulterjuri ghad-danni kontra l-istess konvenuti;

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta' L.L.M.A. Limited li tghid hekk:

1. Illi in linea preliminari, l-esponenti jeccepixxi l-irritwalita' tal-azzjoni kif imposta u dana senjatament billi ma hemm ebda konnessjoni bejn il-konvenut esponenti u l-konvenut Attard u ghalhekk iz-zewg trasferimenti imsemmija mill-attur ma jistghux jigu trattati flimkien jew kontemporanjament.

2. Illi sussidjarament u bla pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici in kwantu jolqtu w indirizzati lill-esponenti, huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur u dana peress li b'referenza ghall-att ta' trasferiment li gie ippubblikat fis-17 ta'

Novembru, 2007, ma jezistux l-elementi tal-azzjoni pauliana ta' frodi jew qerq; jinghad u jigi rilevat illi li l-kreditu tal-esponenti kien gja esistenti u munit / garantit b'ipoteki li kienu antecedenti ghall-iskrizzjoni tal-attur u inoltre li fi kwalunkwe kaz ma jaggravax il-proprjeta akkwistata mill-esponenti u dana peress li m'hiex parti mill-intrapriza tal-konvenut;

3. Illi sussidjarament u bla pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici in kwantu jolqtu u indirizzati lill-esponenti, huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur u dana peress li b'referenza ghall-att ta' trasferiment li gie ippubblikat fis-17 ta' Novembru, 2007, ma jezistux l-elementi tal-azzjoni pauliana ta' danni jew pregudizzju. Illi l-allegazzjoni li t-trasferiment irrenda lill-konvenut Bugeja insolvibbli jew aktar insolvibbli qed tigi michuda u dana billi fil-mument tat-trasferiment il-konvenut Bugeja kien ghad fadallu aktar assi immobiljari ta' valur li kienu jissuperaw sew l-ammont pretiz mill-attur;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat ir-risposta guramentata ta' Antonio Attard li tghid hekk:

1. Illi, preliminarjament, in kwantu l-eccipjent ma ghandu l-ebda rabta jew konnesjoni ma' L.L.M.A. Limited u t-trasferimenti rispettivi favur l-eccipjent u l-konvenuta l-ohra L.L.M.A. Limited saru fi zminijiet differenti w in segwitu ghal krediti distinti, l-azzjoni kif imposta hija nulla w irritwali peress li mhux permess lill-attur li jinqeda b'kawza wahda sabiex jattakka zewg trasferimenti distinti u minghajr l-ebda konnessjoni bejniethom;

2. i, dejjem preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjent mhux il-legittimu kontradittur u ghandu jkun mehlus mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra l-attur, rigward it-talbiet attrici numri wiehed (1), tlieta (3), hamsa (5), seba' (7), tmienja (8) u disa' (9);

3. Illi, dejjem preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici numri tnejn (2), sitta (6),

ghaxra (10), hdax (11) u tnax (12), kif redatti, ossia in kwantu jirreferu ghall-intier tal-appartament numru tnejn formanti parti minn blokk ta' appartamenti numerat ufficjalment 132 gewwa Upper Conversion Street, Bugibba, San Pawl il-Bahar flimien mal-garaxx sottostanti l-blokk imsemmi u formanti parti mill-istess, ma jregux u ma jistghu qatt jintlaqghu kif dedotti peress illi l-konvenut John Mary Bugeja fl-ebda mument ma kien jipposjedi l-intier tal-imsemmija appartament u garage;

4. Illi sussidjarament u bla pregudizzju ghall-prerness, fil-mertu t-talbiet attrici in kwantu jolqtu w indirizzati lill-eccipjenti, huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur u dana peress li b'referenza ghall-att ta' trasferiment li gie ippubblikat fil-11 ta' Lulju, 2008, ma jezistux l-elementi tal-azzjoni pauliana ta' frodi jew qerq; jinghad u jigi rilevat iIli I-kreditu tal-esponenti kien gja ezistenti ferm qabell-iskrizzjoni tal-attur;

5. IIIi sussidjarjament u bla pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici in kwantu jolqtu w indirizzati liII-esponenti, huma infondati fiI-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra I-istess attur u dana peress Ii b'referenza ghall-att ta' trasferiment Ii gie ippublikat fiI-11 ta' Lulju, 2008, ma jezistux I-elementi tal-azzjoni pauliana ta' danni jew pregudizzju, Iiema danni jew pregudizzju fi kwalunkwe kaz jispetta liII-attur igib prova taghhom tenut kont tal-valur sostanzjali taI-assi immobiljari Ii kien ghad fadlilhom iI-konvenuti Bugeja jew min minnhom nhar il-11 ta' Lulju 2008;

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri skond il-Iigi;

BI-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata ta’ John Mary Bugeja li tghid hekk:

1. Illi, il-kawza attrici hija irritwali w insostenibbli stante illi bl-istess kawza qed jigu attakkati zewg negozji guridici kompletament indipendenti u mhux konnessi ma' xulxin

b'mod illi fl-istess kawza gew imqieghda bhala konvenuti persuni illi ma hemm ebda konnessjoni jew komplicita' bejniethom u ghaldaqstant l-attur ma seta' qatt, bl-istess kawza unika, jattakka l-validita' taz-zewg kuntratti in kwistjoni;

2. Illi sussidjarament u sussegwentement ghall-premess, in vista tal-fatt illi z-zewg trasferimenti ma sehhewx kontemporaneament izda a distanza ta' tmien xhur minn xulxin, certament li l-attur ma jistax isostnu illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi ghar-riuxxita tal-actio pauliana kemm meta sehh l-ewwel trasferiment u kif ukoll meta sehh it-tieni trasferiment u dan stante illi mill-istess fatt illi l-esponent kien f'pozizzjoni li jwettaq it-tieni trasferiment fil-mument li sehh l-ewwel trasferiment l-elernent ta' pregudizzju ghall-attur kien kompletament mankanti;

3. In linea prelminari wkoll u sussidjarjament u bla ebda pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici kif dedotti huma monki u insostenibbli stante li ghalkemm intalbet il-hatra ta' kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci ma saritx ukoll talba sabiex din l-Onorabbli Qorti tappunta d-data, lok u hin ghall-pubblikazzjoni tal-att/i relattiv/i ta' rexissjoni rikjesti;

4. Illi t-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda stante illi l-esponent agixxa in bwona fede u l-elementi kollha li jehtieg li jissussitu kumuluttivament ghar-riuxxita tal-'actio pauliana' li qed tigi intenta mill-attur zgur li ma jissussistux kumuluttivament kif rikjest skond il-ligi;

5. Illi sussidjarament u bla pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur u dan peress li l-allegazzjoni li t-trasferimenti in kwistjoni irrendew lir-rispondent insolvibbli jew anqas solvibbli qed tigi michuda u dana billi r-rispondent xorta kien fadallu assi sufficjenti biex jissodisfaw l-ammont pretiz mill-attur;

6. Illi, in oltre, sussidjarament u bla pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur u dana peress li l-attur ma giex pregudikat bit-trasferimenti in kwistjoni u dan fid-dawl tal-privilegg li gie iskritt favur tieghu u d-diritto di seguito relattiv;

7. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri li jistghu jigu permessi skond il-ligi;

Rat illi l-partijiet qablu illi l-ewwel ghandha tigi deciza l-eccezzjoni tal-improponibilita tal-azzjoni, eccezzjoni li tressqet mill-konvenuti kollha;

Rat l-atti tal-kawza, id-dokumenti, in-noti ta' osservazzjonijiet u semghet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni tal-improponibilita tal-azzjoni ghat-30 Novembru 2011.

**Ikkunsidrat**

It-talba attrici iddur fuq l-actio pauliana. L-attur qed jikkontendi illi hu kreditur ta' John Mary Bugeja u martu qua partecipi fil-komunjoni tal-akkwisti bejnha u zewgha fis-somma ta' €81,870.49 rapprezentanti VAT dovut, u iskriva privilegg fuq il-proprjeta prezenti u futuri tad-debitur John Mary Bugeja fis-17 ta' Ottubru 2007.

Fis-17 ta' Novembru 2007 il-konvenuti Bugeja ittrasferew lill-kumpanija konvenuta l-bejt u l-arja tal-fond 66, Casa Azzura, Triq il-Qolla, Zebbug, Malta flimkien man-nofs indiviz tat-tromba bit-tarag tal-imsemmija dar u nofs indiviz tal-parapett.

Fil-11 ta' Lulju 2008 il-konvenuti ttrasferew lil-konvenut Antonio Attard l-appartament internament markat numru 2, bin-numru ta' barra 113 Upper Conversion Street, Bugibba u garaxx fl-istess blokk.

Qed jigi allegat illi f'kull trasferiment kienu jezistu l-elementi rikjesti ghal riuscita tal-azzjoni pauliana u illi l-konvenut ma ghandux assi ohra biex jaghmel tajjeb ghad-dejn. Ghalhekk talab li jigu annullati z-zewg trasferimenti.

Il-konvenut John Mary Bugeja filwaqt li jaqbel li saru l-kuntratti mertu ta' din l-azzjoni izid illi ma kien hemm ebda rabta jew konnessjoni bejn il-partijiet u anqas fuq is-sustanza tal-kuntratti.

Tal-istess fehma kienu Antonio Attard u George Cassar, direttur ta' L.L.M.A. Limited li t-tnejn ikkonfermaw li ma kienux konsapevoli bil-kuntratti li saru hlief b'dak li sar minnhom separatament mal-konvenut Bugeja.

Il-konvenuti qed jopponu li l-atttur jistitwixxi l-kawza kontrihom flimkien billi n-negozju mhux wiehed, u ma hemmx konnessjoni bejniethom. Fil-fatt it-trasferimenti saru f'dati differenti in konnessjoni ma' krediti differenti.

Din il-Qorti tqis il-kwistjoni b'dan il-mod. L-attur qed jibbaza l-kawza tieghu fuq l-azzjoni pauliana, ai termini tal-artikolu 1144 tal-Kapitolu 16. Din l-azzjoni hi miftuha 'ghal kull min ghandu azzjoni x'jiddeduci biex jirreklama l-adempiment ta' obbligazzjoni b'mod li jista' jisparixxi tali azzjoni kull min jinsab ippregudikat bil-fatt ta' haddiehor b'atti kompjuti mid-debitur' (ara f'dan is-sens **Zammit Tabona Moira vs Silmar Limited et**, PA 13/02/2003 TM).

L-iskop tal-azzjoni hu sabiex il-kreditur li jhoss ruhu ppregudikat b'att jew atti tad-debitur, jerga' jpoggi lid-debitur fl-istat li kien qabel ma ghamel dawk l-atti.

Hi azzjoni principalment bejn il-kreditur fis-sens ta' tali terminu u d-debitur fejn il-kreditur irid jipprova li l-att tad-debitur li qed jigi impunjat iddiminwixxa l-patrimonju tad-debitur bi pregudizzju ghad-drittijiet tal-kreditur, liema att irrenda lid-debitur insolvibbli jew aktar insolvibbli, tal-ahhar, prova negattiva li trid tigi meghluba mid-debitur.

Inoltre trid tigi ppruvata wkoll ix-xjenza da parti tad-debitur li bl-att tieghu qed jigu pregudikati d-drittijiet tal-kreditur.

L-azzjoni hi ghalhekk principalment intiza biex terga ggib lura l-istatus quo ante bejn il-kreditur u d-debitur permezz tar-reintegrazzjoni tal-patrimonju tad-debitur minghajr referenza jekk l-att allegatament kompjut mid-debitur kienx att uniku jew sensiela ta' atti. Ma hemm xejn x'josta lil-kreditur milli l-atti kompjuti mid-debitur jingiebu ghall-iskrutinju tal-Qorti b'azzjoni wahda.

Qed jigi objettat mill-konvenuti li maghhom id-debitur ikkontratta illi azzjoni wahda kontrihom ilkoll mhix ammissibbli ghax in-negozji huma differenti u saru fi zminijiet differenti.

Hu minnu illi l-ligi tipprospetta azzjoni maghmula minn diversi atturi (artikolu 161 tal-Kap. 12) pero ma hemm xejn fil-ligi fuq jekk azzjoni tistax issir kontra wiehed jew aktar konvenuti. Din il-Qorti ma tqis li din l-azzjoni hi improponibbli ghax saret kontra zewg konvenuti b'interessi diversi minn xulxin. Wara kollox, kif intqal, il-kwistjoni principali iddur madwar il-kreditur u d-debitur. Madankollu biex il-kreditur jkollu success fit-talba tieghu irid jigi ppruvat il-konsapevolezza tat-terz akkwirent li n-negozju tieghu mad-debitur hu ta' hsara ghal kreditur. Huwa f'dan l-istadju li d-drittijiet tat-terzi jassumu importanza u l-konnessjoni mal-azzjoni tad-debitur allegatament pregudizjevoli ghal kreditur. Il-prova pero tal-hsara trid issir fil-konfront ta' kull wiehed mill-akkwirenti individwalment u separatament.

Il-Qorti ma tirraviza ebda pregudizzju ghat-terzi akkwirenti b'din l-azzjoni ghaliex filwaqt li kif inghad l-ewwel zewg elementi tal-azzjoni huma intrinsikament relatati mal-komportament u rapport ta' kreditur u debitur, kontrollabbli anki mit-terz akkwirent f'din l-azzjoni li hu parti fiha ghax in-negozju finalment jolqot lilu, it-tielet element hu marbut mat-terz akkwirent limitatament ghan-negozju tieghu mad-debitur, b'dan illi decizjoni fil-konfront ta' terz akkwirent wiehed ma tolqotx lill-iehor fl-istess azzjoni ghaliex trid issir evalwazzjoni singolari tal-provi (ghalkemm in parti komuni) ghal kull negozju b'decizjoni separata dwar kull

negozju skond il-fattispecie singolari tieghu fil-konfront ta' dak mitlub mill-attur kreditur.

Wara kollox hu ormai principju kostanti illi hu desiderabbli fejn hu possibbli illi jkun hemm ekonomija tal-gudizzju fejn ma jirrizultax ostakolu insormontabbli bhal nuqqas ta' ebda konnessjoni mal-azzjoni promotrici jew pregudizzju serju li jista' jigi arrekat bis-smigh komuni tal-azzjoni.

Kif intqal fis-sentenza **Anthony Camilleri vs Citadel Insurance et** (25/02/2005GV)

M'ghandhux ikun permess pero' li fl-istess citazzjoni l-attur iressaq diversi azzjonijiet kontra diversi konvenuti, jekk ma jkunux konnessi ghall kollox bejnithom. Il-Qrati Taljani irritenew illi biex jistghu jigu kumulati fl-istess gudizzju azzjonijiet ezercitati kontra diversi konvenuti hu almenu necessarju illi bejn id-diversi domandi jkun hemm konnessjoni. In generali imbaghad "e' diferito al prudente arbitrio del magistrato di riconoscere se e quando la collettivita' possa essere autorizzata per l'economia dei giudizi senza pregudizio dei diritti a ciascuno dei litiganti spettanti" (Coen Citazione Materia Civile para 897-907).

Tali insenjament rega' gie ribadit fis-sentenza **Improved Design Limited vs Anthony Mifsud et** (14/12/2009GV).

Din il-Qorti ghalhekk ma ssibx illi l-konvenuti ghandhom ragun jopponu s-smigh tal-kawza kif impostata u tichad l-eccezzjoni tal-improponibilita tal-azzjoni mressqa mill-konvenuti kollha. Bl-ispejjez riservati ghal gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------